Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,736, 21 ta' April, 2011

Taqsima B

A.L. 138 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Geographic Information Systems taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Geographic Information Systems, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Geographic Information Systems, taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli, ippubblikati bħala Avviż Legali 410 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

“Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti f’għadd ta’ taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 90 krettu.

(2) L-istudenti li jtemmu b’suċċess grupp preskritt ta’ taqsimiet studju preskritti b’total ta’ 30 krettu u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jtemmux il-Kors b’suċċess, jkunu eliġibbli għaċ-Ċertifikat fil-Geographic Information Systems.”